MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 717/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Kenneth Ellul**

Kumpilazzjoni Numru: 717/2009

Illum, 28 ta’ Lulju 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Ellul, ta’ 34 sena, iben Joseph Mary u Iris nee’ Caruana, imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Settembru, 1974 u residenti fil-Facilita’

Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 444374M.

Akkuzat talli fil-11 ta' Marzu, 2009 f' xi hin matul il-gurnata, mill-fond bl-isem "Villa Aljorica" No 9, Triq is-Sieqja, Attard, ikkommetta serq ta' flus kontanti, diversi oggetti tad-deheb u apparat cellulari tal-marka 'Nokia' ghad-dannu ta' Alfred Micallef, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-lok;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Coriene Xuereb, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix il-mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu €116.47);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U finalment talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269, 289, 325(1)(c) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma f'l-14 ta' Gunju 2010 l-imputat ammetta l-ewwel u r-raba imputazzjoni.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel u r-raba imputazzjonijiet; dawn, li jirrizultaw anke mill-provi prodotti, ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjoni ta' serq li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tielet imputazzjoni.

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik ta' hsara volontarja a dannu ta' Coriene Xuereb; din l-imputazzjoni hija kontestata.

Illi mill-atti jirrizulta li fil-11 ta' Marzu 2009 biex l-imputat dahal fil-fond minn fejn seraq l-oggetti mertu ta'l-ewwel imputazzjoni huwa kisser hgiega fil-bieb tal-genb ta' dan il-fond. Jirrizulta ukoll lil dan il-fond huwa ta' certu Alfred Micallef u li biex issewwiet il-hsara nefaq circa mitt Euro (€100).

Illi pero l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija li huwa kkawza hsara a dannu ta' certa Coriene Xuereb (u mhux Alfred Micallef); ghalhekk l-imputazzjoni kif imposta ma tirrizultax.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Min-naha hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda refrettarja ghall-ahhar; minnha jidher ukoll li l-hafna opportunitajiet li taghtu l-Qorti minn zmien ghal zmien permezz ta' probation orders u sentenza sospieza, kif ukoll perjodi precedenti ta' inkarcerazzjoni ma tantx servew wisq ghaliex l-imputat baqa jippersisti f'l-agir kriminuz tieghu.

Illi min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-fatt li jidher car li huwa l-vizzju tad-droga li kien qed iwassal lill-imputat ghal dawn l-episodji ta' serq (fil-fatt mill-fedina penali tieghu jidher li l-imputat l-aktar li nstab hati ta' diversi episodji ta' serq u reati konnessi ma'l-abbuz tad-droga). Jirrizulta ukoll li l-ahhar perjodu ta' inkarcerazzjoni (li ghadu ma giex kompletat) qed iservi ghal xi haga tant li l-imputat donnu li f'l-ahhar qed jassumi r-responsabbilta ta' ghemielu u dan huwa rifless ukoll f'l-ammissjoni tieghu fil-mument meta saret. Jidher ukoll li ghalkemm l-imputat ghadu ma bediex il-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga huwa beda t-triq tar-riabilitazzjoni minn dan il-vizzju u qed jirnexxielu jikkontollah.

Illi tenut kont tal-fatturi kollha determinanti fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata l-Qorti hija tal-fehma li din bil-fors ghandha tkun wahda karcerarja, pero minkejja li l-piena stabbilita ghall-ewwel imputazzjoni tista' toghla bi tlett gradi l-Qorti ser izzieda biss bi grad wiehed u zommha aktar vicin il-minimu milli l-massimu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, u fil-waqt li tiddikjara li l-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sittax (16) il-xahar prigunerija, in oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 ta'l-istess Kapitolu 9 tikkundannah biex fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €691.01 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------